# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 1 ta' Ottubru, 2001**

**Appell Nru 52/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Mallia talli fl-1 ta' Novembru, 1999, ghall-habta tat-3.50 p.m. f'St. Paul's Bay By Pass, saq il-bus tar-rotta numru DBY431 minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Mallia jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Mallia hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250), u skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan tieghu ghall-periodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Mallia, minnu ppresentat fil-15 ta' Marzu, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lil Lucy Micallef fl-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2001; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti ser tillibera lill-appellant (billi tirrevoka s-sentenza appellata) ghal raguni wahda u semplici, u cioe` peress li quddiem din il-Qorti, cioe` fi stadju ta' appell, il-prosekuzzjoni ma gabitx provi sodisfacenti li jippruvaw l-imputazzjoni. Lucy Micallef – li xehdet fid-19 ta' Lulju, 2001 – kienet il-persuna li kienet qed issuq il-vettura li maghha habat l-appellant waqt li kien qed isuq

karozza tal-linja. Ghalkemm Micallef tghid li l-kumpanija assiguratrici taghha infurmatha li Mallia ma kienx debitament kopert b'polza ta' assigurazzjoni, din certament mhix l-ahjar prova tal-fatt jekk kienx hemm id-debita kopertura tal-assigurazzjoni skond il-ligi. Ghalkemm din il-Qorti tat l-opportunita` lill-intimat Avukat Generali li jharrek rappresentant tal-Omnibus Pool Insurance, dan (jew din) ix-xhud baqa' ma giex prodott fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Settembru, 2001, u anqas giet prodotta r-riferta. Fic-cirkostanzi l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement pruvata.

Ghall-motivi premess, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur